**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTAX 30 ta' SETTEMBRU, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Vici Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri is-Sinjura Marisa Dámato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **16.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 16.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta'appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **16.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 16.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħmistax - il seduta |
| | | |
| ***16.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 16.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li tixtieq tagħti l-kondoljanzi lil dawn il-familji għall-mewt ta' qrabathom. Lill-familja ta' Martin Saliba u lill-familja ta' Patrick Sammut it-tifel ta' persuna li tagħti ħafna għajnuna lill-Kunsill fuq it-tqassim ta' boroż u fuq it-teħid tat-tilqima kontra l-influenza u lill-familja Abdilla għall-mewt ta' ħu l-ex Kunsillier David Abdilla. |
| | | |
| 16.3.2 | | Is-Sindku Rita Grima rringrazzjat u faħħret lis-Surġent Malcom Pace li kien jaqdi |

| | | |
|---|---|---|
| | | lill-Kunsill ħafna waqt li kien xogħol fiż-Żurrieq. Issa ġie trasferit f'sezzjoni oħra barra miż-Żurrieq. Qalet ukoll li aktar 'l quddiem ser tagħmel appuntament mal-ispettur il-ġdid li ġiet fiż-Żurrieq. |
| | | |
| 16.3.3 | | Is-Sindku qalet li kienet ser issir notte bianca fiż-Żurrieq imma minħabba l-pandemija tħassret. |
| | | |
| 16.3.4 | | Is-Sindku qalet li f'isem il-Kunsill kellha laqgħa ma:<br>• Wasteserv Malta, fejn infurmaw li l-proċess mixi kif titlob il-liġi u l-ERA u li t-triq ta' quddiem l-ex miżbla ma tistax issir mill-Wasteserv għax mhix fir-remitu tagħha. Għal din il-laqgħa attenda ukoll il-Kunsillier Kyle Mifsud.<br>• L-Onorevoli Ministru Michael Falzon. Għal din il-laqgħa attendew ukoll l-Kunsillier Joseph D'Amato u l-Konsulent tal-kunsill fuq l-PA. Saret talba biex il-Gvern jieħu ammont ta' sodod mingħand il-privat li ser jibni binja fi Triq il-Passju u li ser jagħmel dar għall-anzjani. Saret insistenza imma l-Ministru ma ikkommettix ruħu li l-Gvern lest li jagħmel dan.<br>• Water Service – minħabba s-sistema ta' drenaġġ fi Triq is-Sienja u wara saret insistenza ma' Infrastructure Malta biex Triq is-Sienja issir kollha u mhux parti minnha biss. |
| | | |
| 16.3.5 | | Is-Sindku qalet li issa żmien li jinqata' ż-żebbuġ u ser tiġi ffissata data meta ser issir l-attivita', ħalli min ikun jista jgħin, jgħin. |
| | | |
| | | |
| ***16.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 16.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato tkellmet fuq il-ħajt ta' Vjal il-Blue Grotto li għalkemm il-Kunsill kien qabel li jitneħħa u jsir mill-ġdid, dan għadu ma sarx. Hi staqsiet jekk hux ser isir.<br>Is-Sindku qalet li kellha ssir laqgħa mal-perit ikkonċernat mix-xogħol ta' Vjal il-Blue Grotto u din il-laqgħa baqgħet ma saritx, għalkemm intalbet diversi drabi.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li x-xogħol fi Vjal il-Blue Grotto żdied ħafna aktar minn dak maħsub, għax minn parti mit-triq, saret it-triq kollha inkluża l-bankina u l-culverts. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jgħid lill-perit tal-kunsill biex joħroġ pjan li l-ħajt jitneħħa u jsiru planters jew konki tas-siġar bil-parkeġġ bejniethom. |
| | | |
| 16.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li kellha ilment minn residenti ta' Triq Is-Surmast Francis Falzon li għalkemm it-triq hi *no entry for heavy vehicles*, xorta qed jgħaddu. |
| | | |
| 16.4.3 | | Il-Kunsillir Tiffany Ann Farrugia qalet li fi Triq Santa Fawstina hemm plot maħmuġa, biex isir rapport lis-sanita minħabba l-ġrieden. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-rapport sar, inqatgħa l-ħaxix ta' madwar il-plot imma ġewwa tal-plot ma jistax jitnaddaf għax hi art privata. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 16.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn li jinqata l-ħaxix ta' ġol -konki ta' Vjal il-Blue Grotto. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan beda jinqata min-naħa ta' Triq il-Wied imma l-parti minn Triq Dun Ġużepp sa Triq Santa Katarina ma setgħax jitkompla minħabba l-periklu li hemm bħalissa waqt li qed issir it-triq bit-tarmak. |
| | | |
| 16.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>a) Hemm bżonn li l-Kunsill jikteb ittra iebsa lill-Perit tal-Kunsill minħabba d-dewmien li qed ikollna fuq tender tal-Mitħna tax-Xarolla, li minħabba f'hekk ser jintilfu fondi. Il-Kunsill għandu jikteb biex kemm jista jkun malajr jinkiteb it-tender u jinbeda x-xogħol.<br>b) Hemm bżonn li l-Kunsill jikteb lill-PA u lis-sovratendenza għal wirt kulturali biex ħajt fi Triq Bubaqra jinbena mill-ġdid. Kien hemm qbil fuq dan.<br>c) Mietu xi siġar tal-ballut li tħawlu fil-proġett ta' Triq il-Wied. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li tali siġar mietu għax ma issaqqewx. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-kuntrattur saqqa diversi drabi għax kien preżenti hu miegħu u li tali siġar mietu għax minn ħawwilhom ma avżax lill-Kunsill fil-pront. Hu ssuġġerixxa li tinġib stima ta' siġar tal-ballut b'zokk ta' diametru 8/9 cm u tul ta' 2 metri biex jitħawlu minflok dawk mejta. Kien hemm qbil fuq dan.<br>d) Fi Ġnien il-Ġibjun kien hemm persuni li lesti li jħawlu siġar bla ħlas u jsaqquhom ukoll, ġaladarba l-Kunsill jipprovdi l-pipe u l-ilma. Kien hemm qbil fuq dan.<br>e) Bejn Garden of Eden u n-niżla tal-kamra tan-nar ġie ssuġġeriet li jitnaddaf u jitħawlu siġar u jitpoġġew xi bankijiet. Persuna li għandha sit fil-viċin lesta li tagħmel parti mit-tindif hi minn flusha. Kien hemm qbil li jinġibu l-permessi meħtieġa wara li ssir laqgħa mal-perit tal-Kunsill u joħroġ bi pjan ħolistiku. Kien hemm qbil fuq dan.<br>f) Biex jiżdiedu d-double yellow lines f'Misraħ San Gorg faċċata tal-ħanut tal-ħaxix minħabba l-inkonvenjent li joħolqu l-vetturi pparkjati lill-dawk li jgħaddu minn hemm. Kien hemm qbil fuq dan.<br>g) Biex isiru parking bays u jitnaqas parti mil-yellow line fi Triq San Bartilmew ħalli l-parti d-dejq tat-triq ma tkunx ostakolata. Kien hemm qbil fuq dan.<br>h) Biex fi Triq Santa Marija fuq il-bankina wiesgha li hemm isiru 3 parking bays. Kien hemm qbil li jinġib il-permess ta' TM. |
| 16.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici talab parir minn TM biex issir parking bay fi triq Sant Andrija k/m Triq il-Karmnu. |
| | | |
| 16.4.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li waqt il-maltempata li saret Misraħ Repubblika reġgħet faret bl-ilma. Hu talab fhix wasal il-proġett pilota, li kellu jsir din is-sena. Is-Sindku Rita Grima qalet li waqt laqgħa li kellha mal-awtoritajiet li kienu wedgħu tali proġett, ġiet infurmata li finanzi m'hemmx biex isir f'din is-sena. Kien hemm qbil li tintalab laqgħa oħra fejn ikun hemm preżenti ukoll l-Perit tal Kunsill minħabba li kien involut fil-proġett. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li din il-problema kellha dejjem tkun il-prijorita ta' kull Gvern u Kunsill u s'isssa għdha ma saritx. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 16.4.8 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud staqsa jekk il-Kunsill jistax jirranġa l-istatwi tal-bebbux li hemm fis-central strip ta' Triq il-Qrendi. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-istudenti tal-Mcast li forsi kapaċi jagħmlu tali xogħol. Kien hemm qbil fuq dan.<br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħti spjegazzjoni fuq l-fb page li qed jipprova jsib persuni li lesti li jgħamlu tali xogħol u min hu interessat li jaħdem javviċina l-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 16.4.9 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li hemm bżonn li l-Kunsill jitlob lill-Infrastructure Malta biex tagħti wiċċ ġdid lil Triq il-Karmnu minħabba li tinsab fi stat diżastruż u minħabba l-ammont ta' ilma li jkollha ma kull ħalba xita. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 16.4.10 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri ssuġġerixxa li jitneħħew l-arbli tal-ex Deautchewelle għax jinsabu bla użu. Filwaqt li l-Kunsillier Tiffanny Ann Farrugia qalet li ma tarax il-ħtieġa li dawn jitneħħew għax mhu qed itelfu lil ħadd, kunsilliera l-oħra ma għamlux reazzjoni. |
| | | |
| 16.4.11 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri ssuġġerixxa :<br>a) Fi Triq il-Qortin issir tabella li t-triq taghlaq – Kien hemm qbil fuq dan.<br>b) Fejn hemm No excess to Imqabba fi Triq il-Belt Valletta jsiru tabelli no entry – Kien hemm qbil fuq dan.<br>c) Fir-rigward tal-ġbir tal-ħġieġ – issir bin wieħed għal-ħġieġ fiż-Żurrieq ħalli jkun hemm post fir-raħal li resident ikun jista jutilizzah biex jarmi l-ħġieġ li jkollu. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qablet ma' dan is-suġġeriment u qalet li hi ilha tisħaq fuqu u li l-Kunsill għandu jinstalla cctv ħalli ma jkunx hemm abbużi. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsir bin wieħed bi prova ta' tliet xhur fuq wara taċ-ċimiterju jekk il-kumpanija li tissupplixxi l-Ibins taqbel.<br><br>F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta 19.15. |
| | | |
| 16.4.12 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri ssuġġerixxa dan:<br>a) Biex fi Sqaq il-Ħelu titwaħħal tabella 'Tow zone' - Wara diskussjoni kien hemm qbil.<br>b) Sena ilu twaħħlet mera fi Vjal l-Indipendenza k/ Triq Kalanġ Bugeja u xi ħadt seraqha. Hu ssuġġerixxa li terġa titwaħħal. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħafna residenti qed jitolbu mera għal garaxxijiet tagħhom u hi qed tgħidilhom li merja għall-użu ta' persuna waħda tkun tista titwaħħal jekk iħallasha min ikun ser jużha. Kien hemm qbil fuq dan.<br>c) Biex is-sleeping policeman li twaħħlet fi Triq il-Qrendi titressaq f' post ieħor ħalli tkun għal użu aħjar. Wara diskussjoni kien hemm qbil li tali sleeping policeman saru fuq insistenza ta' ċertu bdiewa direttament lit-TM u kienet TM stess li waħlithom mingħajr ma kkonsultat mal-Kunsill, l-Kunsill m'għandux iċaqlaq tali sleeping policeman li m'għamilx hu. Ma kienx hemm qbil lanqas li l-Kunsill |

| | | |
|---|---|---|
| | | jinstalla oħra ma dawk li diġa hemm.<br>d) Hemm bżonn li jsir xi ħaġa biex jilqa l-ilma fil-bidu ta' Triq Santa Katarina. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-perit għal soluzzjoni. |
| | | |
| 16.4.13 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal dan:<br>a) Fl-aħħar Ħadd ta' Ottubru l-Għaqda Growth and trees project ser iħawlu diversi siġar f'postijiet li ser jiġu identifikati mill-istess kunsillier.<br>b) Hemm bżonn li induru mar-raħal u jinbidlu t-tabelli li għanduhom bżonn manutenzjoni. Is-Sindku infurmatu li diġa qed isir tali proġett u t-tabelli qed jinbidlu ftit ftit. Hi ssuġġeriet li jekk jaf b'xi tabelli li jeħtiġilhom manutenzjoni jinfurmha ħalli ssir l-ordni tagħhom.<br>c) Saru bankijiet fi Ġnien l-Ewropa li jinsabu għoljin għal min jużhom. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Clean Malta li kienet hi li ssupplixxiethom, biex tnaqqsilhom ftit mil-għoli tagħhom. Kien hemm qbil fuq dan.<br>d) Biex tinkines Triq il-Luq. Il-Kunsilliera li joqgħodu f'Bubaqra kkonfermaw li Bubaqra nadif.<br>e) Żewġ Ġermanizi lesti li jħawlu ammont ta' siġar u li jdawruhom f'fence sakemm jikbru u jieħdu ħsiebhom huma ukoll. Kien hemm qbil li dawn għandhom isiru fi Triq Ħal Far fejn ikun hemm l-emmigranti.<br>f) Fil-pots ta' Vjal ix-Xarolla ser iħawwel siġar bejn ir-rand li diġa hemm. Tali siġar diġa qed jieħu ħsiebhom fir-residenza tiegħu u meta jkun il-waqt iħawwilhom. |
| | | |
| | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta fis- 19.45 |
| | | |
| ***16.5*** | | **Rapporti** |
| | | |
| **16.5.a** | | **Aġġudikar tat-tenders:**<br>**a. Restoration of the Chapel and yard of Sant'Andrija in Zurrieq** |
| | | |
| | | |
| 16.5a.1 | | ***<u>Restoration of the Chapel and yard of Sant'Andrija, Zurrieq</u>***<br>Għal din l-offerta barra żewġ kunsilliera, kien hemm perit involut biex jagħmel rapport fuq l-offerti li intefgħu.<br>Għal din it-tender kien hemm tliet offerenti li intalbu jagħtu kjarifikazzjonijiet u kien Camray Ltd biss li wieġeb għal kollox. It-tender ingħatat lill- Camray Ltd bħala l-orħos offerent u li kien compliant. |
| | | |
| **16.6** | | **Direzzjoni ta' traffiku fi Vjal l-Indipendenza /Triq Vince Dimech u s-side roads. Għal din il-parti tas-seduta kienu preżenti rappreżentanti minn Triq Vince** |

| | | |
|---|---|---|
| | | **Dimech li ġabu magħhom petizzjoni dok 2 mehmuż** |
| | | |
| 16.6a.1 | | Ir-residenti preżenti ressqu petizzjoni ta' 'l fuq minn 50 persuna mill-parti ta' fuq ta' Triq Vince Dimech. Huma sostnew li jinsabu kontra li jgħaddu t-trakkijiet minn Triq Vince Dimech, għax hi l-iżjed triq dejqa, minn tliet side roads ta' Vjal l-Indipendenza. Ir-residenti qed jipperikolaw ruħhom minn inċidenti, noise pollution u emission levels li qed ikun hemm. It-triq hi dejqa ħafna. Ir-ritratti miġjuba mis-sinjuri preżenti, juri trakkijiet għaddejjin mit-triq, li meta jgħaddu xi resident qed ikollhom joħorġu biex iċaqilqu l-vetturi taghom li jkunu pparkjati. Qed jgħaddu ħafna trakkijiet li jħottu lill-ħanut convenience, li hemm fil-viċin. Ir-residenti saħqu li hemm alternattivi ta' toroq oħra li jistgħu jgħaddu minnhom it-trakkijiet fosthom, Triq San Martin jew minn Triq Dun Gwann Camilleri li biex jimmaniġjaw tkun aktar faċli anke għax xufiera.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni ta' TM fuq No entry for heavy vehicles fi Triq Vince Dimech. |
| | | |
| 16.6a.2 | | Resident talab biex is-sleeping policeman fi Triq Santa Agata titniżżel b'metru għax qed iddaħħallu ħafna ilma fl-għalqa tiegħu. Kien hemm qbil li ser jiġi ċċekjat il-każ. |
| | | |
| ***16.6b*** | | ***Servizz ġdid tal-kumpanija Go Plc fiż-Żurrieq*** |
| | | |
| 16.6b.1 | | Rappreżentant tal-kumpanija GO Plc kellu laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fuq servizz ġdid li ser jingħata lir-residenti taż-Żurrieq. Il-Go Plc ser tneħħi s-sitema tal-cables tal-copper li hawn fiż-Żurrieq u tibdilhom ma dawk fiber. Għal dan il-għan ser ikun hemm bżonn taqla diversi bankini fiż-Żurrieq, permess ta' trinka u tinstalla l-fiber taħt il-bankina.<br>Dawk il-bankini kollha li ser issir trinka fihom u li ilhom sa sentgħejn li saru, il-Go plc ser tkun qed tagħti wiċċ sħiħ fejn taqla, imma għal bankini li ilhom li saru għal aktar minn sentgħejn ser tkun qed tagħmel reinstatement biss tat-trinka li ser tkun qed tħaffer.<br>F'ċertu postijiet ser ikun hemm bżonn li jsiru kaxxi żgħar ta' daqs mhux aktar minn 30cm kwadri, li ser jitwaħħlu mal-faċċati ta' resident jew ma' arbli tal-Enemalta.<br>Ser isiru ukoll trinek f'ċertu toroq li l-Go plc ser tagħmel reinstatement tagħhom bil- hot asphalt. Trinka ser iddum imħaffra 15 -il ġurnata qabel isirilha l-hot asphalt. Dan biex ix-xogħol jibqa f'kundizzjoni tajba.<br>Ser ikun hawn persun ikkonċernata miż-Żurrieq biss, biex l-ilmenti jiġu mgħoddija lilha.<br>Ix-xogħol jirrikjedi tal-inqas 4 xhur.<br><br>Kien hemm qbil li fl-akwata kollha hemm bankini tajbin u li l-Kunsill qed jagħti permess lill-Go plc biex tagħmel ix-xogħol meħtieġ imma jrid isir il-wiċċ sħiħ tal-bankina. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **16.6c** | | **Traffic management fi Triq il-Ħaddiema** |
| | | |
| | | |
| 16.6c.1 | | Il-Kunsill irċieva pjan imressaq minn Transport Malta fuq talba tal-Kunsill stess biex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku fl-akwati ta' Triq il-Ħaddiema/Triq il-Qroll.<br><br>Dan il-każ ser jitressaq f'seduta oħra minħabba r-restrizzjoni tal-ħin. |
| | | |
| ***16.6d*** | | ***Approvazzjon: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 16.6.a.<br>1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti u suġġerimenti:<br>• Ilmenti fuq ranep fuq il-bankina fi Triq Dun Guzepp Farrugia li qed jostakolaw l-aċċess għall-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħal ma hemm ranep fi Triq Dun Guzepp Farrugia hemm ukoll ranep fi Triq Gianferli u fi Triq Dun Luret Zammit. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li r-rampi kollha li huma kontra l-liġi għandhom jitneħħew kollha. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qabel miegħu. Ma kienx hemm qbil li jitneħħew għax f'Malta kollha hawn rampi llegali u lanqas l-Gvern ma ta ordni biex jitneħħew.<br>• Talba biex fi Triq Santa Katarina ssir kaxxa safra temporanja, biex tintuża minn persuna li għadha kif ħarġet minn operazzjoni u li bħalissa ma tistax timxi fit-tul. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fir-rigward tat-talba li kien għamel resident fi Triq Fonzu Gauci biex isir parkeġġ riservat għall-vettura elettrika, r-resident ġibed l-attenzjoni li l-vettura tiegħu hi ta' daqs 4.92metri u l-parkeġġ li hemm quddiem il-garaxx tiegħu hu iżgħar mill-vettura. Ir-resident kien lest li jħallas għal-parkeġġ riservat għalih u s-Segretarju Eżekuttiv ma aċċettatx it-talba tal-ħlas tiegħu mill-ewwel. Hu talab lis-segretarju Eżekuttiv biex tqajjem dan il-punt li għalkemm hu kien offra, hi ma infurmatx lill-kunsill b'dan. Il-Kunsill xorta ma qabilx.<br>• Waqt laqgħa ma' Transport Malta, s-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill ma qabilx mal-proposta ta' TM biex Triq iċ-Ċombini ssir pedestrian only. Waqt li marru fuq il-post, TM ssuġġeriet biex issir bollard tar-rubber minflok tal-ħadid. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill ser japplika għal bankina dejqa ħafna wara li jġib l-permessi meħtieġa.<br>• TCTC qed tissuġġerixxi li tagħmel korsijiet fuq ECDL standard b'ċertifikat MQF3. TCTC qed tissuġġerixxi li tali kors isir online u l-kunsill iħallas 2,000Euro għal 40 applikant. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta u min ser jieħu dan il-kors iħallas lill-kunsill 50Euro. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kunsillier Kaydem Schembri li hu inkarigat mill-Edukazzjoni.<br>• Persuna ġiet fl-uffiċċju tal-Kunsill tagħmel rapport li waqt li kienet għaddejja bil-vettura tagħha mis-service road ta' Vjal il-Blue Grotto, ġarbet ħsara lill-vettura minħabba tappiera li kienet imneħħija minn postha. L-ammont ilaħħaq 155Euro. Il-persuna għamlet rapport l-għassa, ġabet ritratti tat-tappiera maqlugħa u l-kont tal-ħsara. **Dok mehmuż No.2.** Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż.<br>• Perit bagħat lill-Kunsill għal approvazzjoni ta' tower crane fi Triq Kanonku G |

| | | |
|---|---|---|
| | | Portelli. **Dok 3 Mehmuż** Kien hemm qbil li jingħata il-permess.<br>• Sid ta'gabbana trid permess biex tarma fi Triq Hal Far qabel tidhol ghal-Sqaq ta'B'xejn. **Dok 4 mehmuż.** Ma kienx hemm qbil għax fuq art pubblika l-kunsill jgħamel devoluzzjoni biex jużha u hekk ukoll għandha tagħmel din il-persuna.<br>• Triq il-ħaddiema talbuna biex issir u bar għax qed jitilgħu fuq il-bankina u jkissrulha kull darba is-servizz tad-drenaġġ u periklu għaliha bil-vetturi. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Transport Malta staqsiet jekk il-Kunsill iridx li jistaqsi lill-Lesa twaħħal cctv fi Triq Bronja fejn il-ħanut Maypole, minħabba li resident qed I sibha diffiċli li juża l-garage tiegħu bil-bollards li l-Kunsill waħħal snin ilu, bil-permess tal-istess TM. Ma kienx hemm qbil.<br>• Il-Kumpanija RefabLightblue issuġġeriet li jiżdied kontenitur ieħor tal-ġbir tal-ħwejjeġ fejn il-mitħna tax-Xarolla, minħabba li dejjem qed tkun mimlija. Ma kienx hemm qbil. L-alternattiva hi li titbgħattal aktar spiss.<br><br>Dan il-ħin il-kunsillier Tiffany Ann Farrugia ħarġet mis-seduta (20:55)<br>• Ta' kull sena issir l-Half marathon taż-Żurrieq. Din is-sena qed ikun issuġġeriet li issir fit-8 ta' Novembru u minħabba l-pandemija qed jiġi ppjanat li jkun hemm xi tibdil fosthom – it-tluq ma jistax ikun ta' aktar minn 15 -il parteċipant f'daqqa, ma jistax ikun hemm telespettaturi, bil-finish line, il-parteċipanti ser jieħdu il-midalja minn fuq mejda u jibqgħu sejrin 'l bogħod mill-event. U ċerimonja tal-għoti ta' trophies mhux ser ikun hemm. Il-Kunsill qabel.<br>• Resident li joqgħod fi Triq l-Armerija jrid li issir kaxxa safra quddiem l-entratura tal-bieb tal-ġnien tiegħu, biex ikollu aċċess aħjar għad-dar. Kien hemm qbil li tul il-bankina kollha jsiru road bumps biex il-vetturi jiefqu magħhom u jsiru parkeġġi b'tali mod li r-residenti ikun jista jidħol b'xirja fl-entratura tal-ġnien tiegħu.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta (21:00)<br>• Resident ta' Vjal il-Blue Grotto minn Triq il-Merill sa Triq il-Wied iffirmaw petizzjoni li jridu li d-direzzjoni tat-traffiku tas-service road tibqa kif inhi bħalissa (two way traffic) **Dok anness No.5** Kien hemm qbil fuq dan u li jinġib permess minn TM.<br>• Residenti li joqgħodu fi tliet id-djar fis-service road ta' Vjal il-Blue Grotto, bejn Triq San Pawl u Triq l-Imqabba iffirmaw petizzjoni li jridu li s-service road tkun no entry minn fejn ir-roundabout direzzjoni lejn il-Wied. **Dok anness No.6** Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' TM. |
| | | |
| ***16.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 16.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar 39 u tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali numru 36 u 37. |
| | | |
| ***16.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 16.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta'**€88,314.58**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Kaydem Schembri u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***16.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 16.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 21ta' Ottubru, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 21 ta' OTTUBRU, 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |